MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 86/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Wirth**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Wirth talli fil-kwalita` tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` Intercomp Limited (C-5197) b'indirizz registrat H.S. Restall Building, Triq Aldo Moro, Marsa, Malta, u/jew bhala l-persina li kienet inkarigata mill-istess socjeta` sabiex thallas l-pagi dovuti, naqas li jhallas paga, bonus u sahra fl-ammont ta' €1320.85 dovuti lill-ex-impjegat tas-socjeta` hawn fuq imsemmija, u cioe' lil Miguel Micallef, fil-21 ta' Novembru 2007 meta l-impieg tieghi gie terminat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Wirth mhux hati u lliberatu mill-imputazzjoni mibjuba fil-konfront tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti interpretat u applikat hazin l-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta rez applikabbli fil-kamp kriminali permezz ta' l-artikolu 520(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll illi interpretat u applikat hazin l-artikolu 638 ta' l-istess Kap. 9. L-appellant jirreferi ghall-affermazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-prosekuzzjoni kienet naqset milli tipproduci l-ahjar prova manifestanti l-kapacita` u rapprezentanza guridika ta' l-appellat. Jirreferi ghall-korrispondenza esebita fejn l-appellat iffirma bhala direttur, administrator u segretarju tal-kumpanija. Jghid illi l-ahjar prova ma kinitx rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji jew ta' l-Awtorita` Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji. Fil-fatt, skond l-appellant, l-artikolu 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrikjedix tali xhud. Kieku ttella' tali rapprezentant, ix-xiehda tieghu kienet tkun wahda korroborattiva ghax l-ewwel Qorti diga` kellha l-ahjar prova.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed tillibera lill-appellat (allura imputat) peress illi l-imputazzjoni kif dedotta "ma tirrizultax pruvata sal-grad

rikjest mil-ligi stante li ma ngabitx l-ahjar prova li l-imputat huwa direttur jew rapprezentant guridiku ta’ Intercomp Limited”.

Issa, l-artikolu 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi hekk:

**“Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta’ persuni, kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta’ dik is-socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta’ persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f’xi kariga tali titqies li tkun hatja ta’ dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.”**
(sottolinear ta’ din il-Qorti)

Mela jekk ma tingabx prova inkonfutabbli li persuna tkun fil-fatt direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk, il-prova li l-persuna imputata kienet “tidher” li qed tagixxi f’xi kariga bhal dawk imsemmija hija sufficjenti. Kif korrettement intqal, hawn ma ngabet l-ebda prova mir-Registratur tal-Kumpaniji ossia mill-Awtorita` Maltija ghas-Servizzi Finanzjari li l-appellat kien ufficjal tas-socjeta` Intercomp Ltd. Barra minn hekk il-*print-out* esebit bhala Dok. JB5 mhuwiex dokument ufficjali u ma jistax jittiehed bhala prova ta’ hekk. Mill-banda l-ohra hemm provi ohra li jissodisfaw il-kriterju alternattiv imsemmi mill-artikolu 46 appena citat, cioe` provi li minnhom “jidher” li l-appellat kien ufficjal ta’ dik is-socjeta`.

Miguel Micallef xehed li hu kien ilu hames snin u nofs jahdem mas-socjeta` msemmija, u l-appellat dejjem kien direttur. Skond dan ix-xhud, l-appellat kien ukoll direttur min-naha tal-finanzi u ghalhekk fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw paga kien jitkellem mieghu. Josef Borg kien jahdem mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta’ l-Impjieg, u meta Miguel Micallef mar bl-ilment tieghu, huwa cempel lill-Intercomp Ltd. u fil-fatt tkellem ma’ l-

appellat. L-ittra tieghu datata 18 ta’ Jannar 2008 (Dok. JB4) twiegbet fit-22 ta’ Jannar 2008 (Dok. JB7) minn “Franz R. Wirth Director – Finance & Administration and Company Secretary”. Huwa veru li dawn l-ittri mhumiex l-originali izda gew ikkonfermati bil-gurament minn Josef Borg, u kwantu ghad-Dok. JB7 bhala t-twegiba li d-Dipartiment ircieva minghand l-Intercomp Ltd. waqt it-trattazzjoni d-difiza ssuggeriet li l-ittra setghet intbaghtet minn Miguel Micallef stess ghax kien jahdem hemm. Din hija carament allegazzjoni infondata ghall-ahhar peress illi l-ahhar li kien hadem Micallef kien f’Novembru 2007. U l-ittra tat-22 ta’ Jannar 2008 hi fil-fatt twegiba ghall-ittra tad-Dipartiment tat-18 ta’ Jannar 2008.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li hemm provi sufficjenti li juru li l-appellat kien jidher li kellu kariga ta’ direttur tas-socjeta` Intercomp Ltd. Pero` peress illi l-ewwel Qorti ma ddecidietx il-kawza fil-mertu, huwa opportun, sabiex il-partijiet ma jigux pprivati mill-beneficcju tad-*doppio esame*, li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tghaddi biex tittratta u tiddeciedi l-kaz fil-mertu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali fis-sens illi tirrevoka s-sentenza appellata, izda sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame* tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma’ u tittratta l-kawza fil-mertu u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------